

# Ir-Restawr tal-Kwadru ta' Santa Katarina fil-Belt u l-Fundazzjoni tal-Istudenti

*(Ħafna mit-tagħrif li jinsab f'dan l-artiklu hu bbażat fuq pubblikazzjoni tan-*National Student Travel Foundation *stess)*

**kitba ta' Dun Joe Abela**

Nafu li l-kwadru titulari tal-knisja parrokkjali tagħna, **Il-Qtugħ ir-Ras ta' Santa Katarina V.M.**, li jinsab fil-kor, mhux pittura orġinali, iżda kopja tal-kwadru famuż fil-knisja dedikata lill-Qaddisa fil-Belt Valletta, impitter miċ-ċelebri **Mattia Preti** li kien twieled fil-belt ċkejkna ta' Taverna, fil-Calabria, l-Italja, fis-sena 1613. Meta kien Ruma, il-Preti rċieva diversi kummissjonijiet importanti u kellu diversi konnessjonijiet soċjali li permezz tagħhom sar midħla tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Dawn, konxji mill-kapaċitajiet artistiċi tiegħu, ġiebuh hawn Malta biex ipitter is-saqaf tal-knisja konventwali tagħhom, il-lum il-Konkatidral ta' San Ġwann, fil-Belt Valletta. Dam jgħix f'Malta għal numru kbir ta' snin, sal-mewt tiegħu u ħallieha ħafna opri kbar. Wieħed minn dawn il-kwadri sbieħ tiegħu hu mingħajr dubju, il-kwadru titulari fil-knisja ta' ***Santa Caterina d'Italia***, fil-Belt, knisja mibnija mill-Kavallieri Taljani.

## Twaqqif tal-Fundazzjoni tal-Istudenti

Biex jiċċelebraw **għeluq it-tletin sena** mit-twaqqif tagħhom, l-għaqda tal-istudenti ***National Student Travel Foundation*** iddeċidew li jisponsorjaw ir-restawr ta' dan il-kwadru ta' Mattia Preti. Verament daħlu għal biċċa xogħol li jixirqilha kull tifħir min-naħa ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-Arti u l-Istorja tal-Gżejjer Maltin. Fil-programm tal-Festa ta' Santa Katarina maħruġ mill-Għaqda ***Banda Żejtun*** is-sena l-oħra, jien kont ktibt dwar ir-restawr tal-kappella Taljana fil-Konkatidral ta' San Ġwann, u din is-sena ħassejt li għandi nikteb dwar ir-restawr ta' dan il-kwadru fil-kappella Taljana barra mill-Konkatidral. Nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-qarrejja li responsabbli minn din il-kappella, bħala kappillan tal-komunità Taljana f'Malta, hu **Dun Gino Gauci**, il-qassis Żejtuni, li għandu ħsieb li mhux biss dan il-kwadru jiġi restawrat, iżda l-kappella kollha. Fil-fatt dan l-aħħar qalli li diġà armaw l-i*scaffolding* f'din l-istess kappella. In-***National Student Travel Foundation*** (Malta) rat il-bidu tagħha permezz ta' att notarili fl-10 ta' Ġunju 1977, bħala fundazzjoni bla qligħ bl-iskop li tgħin l-istudenti fil-mawriet kulturali tagħhom barra minn Malta. Iżda barra dan l-iskop nobbli tagħha biex tgħin l-istudenti japprezzaw l-arti – pittura, skultura, arkitettura eċċ – din l-għaqda, f'dawn l-aħħar snin, għenet ħafna fir-restawr ta' diversi opri li jinsabu fil-Gżejjer Maltin stess.

## Ħidma Vasta tal-Għaqda (Fundazzjoni)

Fost dan l-opri nsemmu r-restawr ta' żewġ kwadri Maltin, wieħed marbut ma' **Guilio Cassarino** (1582–1637), segwaċi tal-magħruf Caravaggio, u l-ieħor xogħol ta' **Carlo Zimach** (1692–1766), pittur qassis minn Ħaż-Żebbuġ. Iż-żewġ kwadri qegħdin fil-knisja tad-Duluri fil-Pietà. Il-Fundazzjoni ħadet ħsieb ukoll tar-restawr tal-kwadru **Il-Magħmudja ta' Ġesù** mpitter minn **Matteo Perez d'Alecio** (1547–1616). Wara li għamel xi xogħol fil-kappella Sistina tal-Vatikan, d'Aleccio nġieb Malta mill-Kavallieri ta' San Ġwann li kkummissjonawh ipitter ir-**rakkont tal-Assedju**



l-Kbir għas-sala tal-Kunsill fil-Palazz tal-Gran Mastru u **Il-Magħmudija ta' Ġesù** – fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt. Dan il-kwadru famuż dam żmien twil bħala ċentru ta' attenzjoni f'din il-knisja monumentali sakemm tqiegħed fis-sagristija fis-sena 1704, fejn dam sal-1996, meta ttieħed fil-Mużew tal-istess Konkatidral. Din il-pittura kienet sofriet ħafna ħsara u l-Fundazzjoni daħlet għall-ispejjeż tat-tindif u restawr tagħha fl-1999. Illum dan il-kwadru sabiħ jsta' jitgawda minn kulħadd fil-Mużew tal-Konkatidral. Kull min hu midħla tas-Seminarju fir-Rabat, Malta, jaf bl-istatwa grandjuża ta' **Kristu Salvatur** li qiegħda fil-ġonna quddiem il-kappella. Żmien ilu din l-istatwa tal-bronż kienet qiegħda fuq il-koppla tal-**Knisja tal-Virtù** viċin. Minn hemm tniżżlet fuq l-art minħabba li t-toqol tagħha għamel ħafna ħsara lill-istess kopplja. Snin ilu, il-**qaddis Dun Ġorġ Preca** kien iħobb jagħmel laqgħat f'din il-knisja għall-membri tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. Minn hemm inġiebet fil-ġonna tas-Seminarju, fejn ġiet restawrata bl-ispejjeż mill-istess fundazzjoni fs-sena 1984.

## Aktar restawr sponsorjat mill-Fundazzjoni

Il-Fundazzjoni għenet l-ewwel studji mill-esperti tal-Istitut Ċentrali tar-Restawr ta' Ruma li kienu rrakkonamdaw ix-xogħol ta' restawr fuq **ir-Relikwarju** artistiku tal-bronż indurat bid-deheb u l-fidda li fih id-**driegħ ta' San Ġwann il-Battista**. Dan ir-relikwarju kien sar miċ-ċelebri **Ciro Ferri** (1634–1689) skultur Taljan tal-Barokk u pittur li ħadem ħafna fuq id-dekorazzjonijiet *a fresco* fil-***Palazzo Quirinale***, Ruma, barra l-pittura fis-saqaf u dekorazzjonijiet oħra interni fil-***Palazzo Pitti,*** Firenze. Dan ir-Relikwarju splendidu ta' San Ġwann il-Battista jinsab fil-Mużew tal-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

Xogħol ieħor sponsorjat minn din il-Fundazzjoni kien ir-restawr ta' waħda mill-kappelli l-aktar qodma li għadha teżisti fil-forma oriġinali tagħha fil-Gżejjer Maltin: **San Mikiel is-Sanċier** fil-limiti tar-Rabat, Malta. Din il-kappella antika, skont l-arkitettur tagħha, inbniet għall-ħabta ta' nofs is-seklu 15, meta allura San Girgor fiż-Żejtun kien għadu ma ħax il-forma li għandu llum. Biex jinfurżaw din il-kappella ta' San Mikiel, wara żdiedu żewġ strutturi oħra, kif sar ukoll fil-knisja ta' San Girgor fiż-Żejtun. Xi bdiewa Rabtin damu jużaw il-kappella tar-Rabat biex jaħżnu fiha l-annimali u l-għodda tar-raba' għal bosta snin. Żewġ aħwa kienu bnew ħajt biex qasmu fi tnejn din il-kappella, kull parti b'bieb għaliha. Fis-sena 1981, il-Fundazzjoni salvat din il-kappella billi ħarġet il-flus għar-restawr tagħha u għat-twaqqigħ tal-ħajt li semmejna.

Bħallikieku dan ma kienx biżżejjed, il-Fundazzjoni ħallset biex saret it-tieqa maestuża ***stained glass*** fuq l-artal maġġur fil-kappella noe-gotika taċ-**ċimiteru tal-Addolorata** minn **Emanuel Cauchi** artist Franċiż tax-xogħol fil-ħġieġ li jgawdi fama internazzjonali. Cauchi ħadem fuq it-tema, **Il-Qawmien ta' Ġesù mill-Mewt**, u uża r-raġġi tax-xemx fuq il-ħġieġ b'logħob impressjonanti ta' kuluri, fejn jispikkaw l-isfar, l-aħmar, l-abjad u l-iswed.

## Sante Guido Restauro

Ir-restawr tal-kwadru tal-Martirju ta' Santa Katarina fil-knisja ***Santa Caterina d'Italia*** fil-Belt Valletta ġie kkummissjonat lid-ditta ċelebri ***Sante Guido Restauro e Conservazione di Opere d'Arte*** taħt id-direzzjoni ta' Sante Guido u Giuseppe Mantella, ditta li ilha fix-xogħol ta' restawr mis-sena 1982. Bħallissa hi responsabbli mir-restawr **tal-Artal fuq il-qabar tal-Appostlu San Pawl** u mir-restawr tal-monument grandjuż tal-bronż tal-**Papa Sistu IV della Rovere**, it-tnejn fil-Bażilika ta' San Pietru, il-Vatikan. Id-ditta organizzat ukoll Wirja ta' Arti Sagra Medjovali fil-Bażilika ta' *Santa Maria Maggiore*, Ruma. Qiegħda wkoll tirrestawra l-istatwa kbira tal-**Papa Urbanu VIII** fil-Mużew Capitalini, Ruma, xogħo artistiku minn **Gian Lorenzo Bernini**. FIl-Knisja ta' Santa Katarina f'Magnapli, Ruma, id-ditta qiegħda tirrestawra **L-Estasi ta' Santa Katarina ta' Siena**, xogħol iċ-ċelebri **skultur Malti Melchiorre Gafà**. Hi wkoll involuta fir-restawr tal-**Arki Trijunfali** u l-faċċata tal-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Dan barra xogħlijiet oħra ta' restawr li d-ditta *Sante Guidi Restauro* għaddejja bihom bħalissa, iżda naħseb li semmejt biżżejjed biex nuri l-esperjenza kbira u l-kapaċità fir-restawr li tgawdi din id-ditta li ġiet ikkummissjonata tirrestawra l-kwadru mpitter minn Mattia Preti fil-knisja ta' *Santa Caterina d'Italia*, il-Belt Valletta.

## Il-Proċess tar-Restawr

Ir-restawr tal-kwadru jibda billi ssir analiżi xjentifika tiegħu permezz tal-*X-Rays* biex tiġi stabilità l-kompożizzjoni tiegħu u l-bidliet li saru fuqu matul is-snin. Imbagħad jiġi applikat drapp fuq wara tal-kwadru biex jagħtih is-saħħa. Isir it-tindif tiegħu billi jitneħħa dak li ġie maż-żmien miżjud fuq l-oriġinali – jintuża likwidu apposta. Jimtela l-vojt bi *plaster* magħmul mill-kompożizzjoni simili għas-saff preparatorju oriġinali. Il-partijiet hekk trattati jiġu kkuluriti bl-użu ta' kuluri li jiggarantixxu li ma jispiċċawx mal-mixja tas-snin – hekk il-kwadru jieħu l-glorja u l-aspett li kellu fil-bidu. Fl-aħħar jiġi miksi b'saff protettiv li jagħmlu wisq attreanti fil-għajnejn ta' min iħares lejh.

Il-Fundazzjoni tal-Istudenti ħejjiet programm edukattiv li jikkumplimenta dan ix-xogħol utli ta' restawr. Saru konferenzi minn esperti Taljani u Maltin fil-qasam tar-restawr, diskussjonijiet għall-istudenti u boroż ta' studju f'Malta kif ukoll fl-Italja għaż-żgħażagħ li jixtiequ jkomplu karriera fir-restawr. Jalla din il-Fundazzjoni tkompli taħdem biex l-opri tal-arti li huma tant numerużi fil-gżejjer tagħna, jiġu aktar apprezzati u salvati għall-ġenerazzjonijiet ġejjiena.